Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 226/2013

**S.I.T. Special Interest Travel Limited**
**(appellata)**

**Vs**

**MaltaTicket.com Limited**
**(appellanti)**

6 ta' Ottubru, 2017.

1. Permezz ta' rikors[1] ipprezentat fid-9 ta' Awwissu 2013, l-attriċi talbet lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallasha s-somma ta' sitt elef, erba' mija u tmintax-il ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€6,418.47) rappreżentanti ħlas bil-quddiem magħmul minnha lis-soċjetà konvenuta in linja ta' prezz ta' biljetti in konnessjoni ma' visti f'mużewijiet għat-turisti u liema biljetti s-soċjetà konvenuta baqgħet qatt ma kkonsenjat lis-soċjetà attriċi, bl-ispejjez inkluż dawk tal-mandat ta' sekwestru intavolat kontestwalment u bl-imgħax kummerċjali dekorribbli mill-1 ta' Jannar 2013 sal-jum tal-pagament effettiv kontra s-soċjetà konvenuta u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni tar-rappreżentanti ġudizzjarji tas-soċjetà konvenuta.

2. Permezz ta' risposta[2] ppreżentata fl-11 ta' Ottubru 2013, il-konvenuta wieġbet li fl-ewwel lok il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mhix kompetenti sabiex tisma' u tiddeċiedi l-kawża odjerna stante li bejn il-partijiet jeżisti ftehim (Dok. A)[3] li fi Klawsola tmienja (8), ir-raba' (4) punt tiegħu jipprovdi li kull kwistjoni dwar interpretazzjoni tal-ftehim għandha tiġi riżolta miċ-Ċentru Malti ta' l-Arbitraġġ u kif għandu jirriżulta, it-talbiet tas-soċjeta' attriċi ħa jkunu jeħtieġu interpretazzjoni ta' klawsola erbgħa (4) tal-ftehim imsemmi, u huwa propju għalhekk li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mhix kompetenti dwar din il-materja. Fit-tieni lok, wieġbet ukoll li dak li qed titlob is-soċjetà attriċi mhuwiex permessibbli stante li skond klawsola erbgha (4) tal-kuntratt appena msemmi, is-soċjetà attriċi mhix permessa tiġbed lura flus minn dawk li tkun poġġiet fil-

[1] Fol. 1.
[2] Fol. 7.
[3] Fol. 8.

fond hemm imsemmi, u tista' titlob lura biss biljetti u f' dan ir-rigward għalhekk it-talba tas-soċjetà attriċi hija barra minn lokha. Mingħajr ħsara għall-premess eċċepiet ukoll li mill-bqija t-talbiet tas-soċjetà attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan għar-ragunijiet li ser jiġu spjegati fil-kors tal-kawża.

3. Permezz ta' sentenza preliminari datata 26 ta' Marzu 2014,[4] il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) iddeċidiet l-eċċezzjoni sollevata mis-soċjetà konvenuta dwar l-allegata nuqqas ta' ġurisdizzjoni tagħha kif ġej:

> *'Issa una volta s-soċjetà attriċi iddeċidiet li tippreżenta it-talba tagħha quddiem din il-Qorti, din il-Qorti ma tħossx li għandha tiddikjara li m' għandhiex ġurisdizzjoni u għalhekk tali eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.'*

4. Sussegwentement, wara li semgħat il-provi u s-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-mertu, permezz ta' sentenza tas-26 ta' Ottubru 2016,[5] iddeċidiet kif ġej:

> *'Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni stante li din ġja ġiet trattata fis-sentenza preliminari tagħha tas-16 ta' Marzu 2014 u tiċħad it-tieni eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta u tilqa' it-talba attriċi b' dan illi qiegħda tordna lis-soċjeta' konvenuta tirrifondi lura is-somma ta' sitt elef, erba' mija u tmintax-il ewro u sebgħa u erbgħin ċentezmu (€6,418.47) kif mitluba fir-rikors promotur.*
>
> *L-ispejjez ta' din il-kawża huma kollha a karigu tas-soċjetà konvenuta.'*

5. Is-soċjetà konvenuta appellat miż-żewġ sentenzi permezz ta' rikors li ppreżentat fl-14 ta' Novembru 2016. L-aggravji jikkonsistu fis-segwenti:
   a. In kwantu għad-deċiżjoni mogħtija mill-ewwel qorti datata 26 ta' Marzu 2014 dwar l-eċċezzjoni tal-ġurisdizzjoni, il-konvenuta tilmenta li l-ftehim bejn il-partijiet ma fih l-ebda provvediment ċar dwar x'jiġri f' sitwazzjoni bħal dik tal-każ odjern u għalhekk hija tqis li l-vertenza odjerna hija kwistjoni ta' interpretazzjoni tal-istess ftehim u għalhekk l-kwistjoni kellha tiġi riferuta għall-Arbitraġġ kif irid ir-raba' punt tal-klawsola 8; u

   b. Referibbilment għad-deċiżjoni finali tas-26 ta' Ottubru 2016, l-aggravju tal-appellanti hu li mhux minnu li l-ftehim bejn il-partijiet ormaj intemm peress li ma kien hemm l-ebda ksur tal-kuntratt u għalhekk il-konsiderazzjonijiet u l-konsegwenti konklużjoni tal-Ewwel Qorti dwar l-arrikkiment indebitu hi żbaljata. Tgħid illi l-kuntratt bejn il-partijiet, li bl-ebda mod ma kien limitat għall-biljetti ta' Heritage

[4] Fol. 17 et seq.
[5] Fol. 260 et seq.

Malta, baqa' jiġġedded awtomatikament kull sena u għadu viġenti sal-lum b'dan illi l-flus in kwistjoni jistgħu jintużaw għax-xiri ta' biljetti oħra. Lanqas ma kien hemm ksur tal-prinċipju ta' *uberrimae fidei* kif indikat mill-Ewwel Qorti fl-aħħar parti ta' din id-deċiżjoni.

6. Illi permezz ta' risposta datata 24 ta' Novembru 2016, is-soċjetà appellata wieġbet illi, għar-raġunijiet minnha ndikati, is-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza għandhom jiġu konfermati fl-intier tagħhom previa r-riġett tal-appell tal-konvenuta, bl-spejjeż akkollati lill-istess konvenuta.

**<u>Ikkunsidrat</u>:**

7. Fil-qosor dawn huma 'l fatti:

- Fil-5 ta' Frar 2008, is-soċjetà attriċi kienet iffirmat ftehim mas-soċjetà konvenuta li jinsab esebit fl-atti a fol 8 immarkat bħala '**Dok A**' '*for the purpose of joint marketing and sale of Admission Tickets in Malta pursuant to the terms contained herein*';

- Dan il-ftehim sar għal perjodu ta' tlett (3) snin, liema perjodu, fin-nuqqas ta' avviż ta' kanċellazzjoni bil-miktub minn kwalunkwé parti lill-parti l-oħra qabel sittin (60) jum mill-iskadenza, kellu jiġi awtomatikament mġedded għal perjodi ulterjuri ta' sena (1) kull darba. Minkejja dan, il-ftehim seta' ukoll jiġi terminat minn kwalunkwé parti f' każ ta' vjolazzjoni tal-istess;

- skont dan il-ftehim, is-soċjetà attriċi kienet titrasferixxi minn qabel flus fil-kont bankarju ta' Miqna Client Trust u mill-bilanċ tagħha fl-imsemmi kont, tramite sistema kompjuterizzata mħaddma mill-konvenuta appellata, tixri biljetti għal dħul f'postijiet storiċi jew relatati ma' avveniment storiċi f'Malta għat-turisti. Fuq dawn il-biljetti, l-attriċi appellata, kumpannija li topera fis-settur turistiku, kellha qliegħ u kienet tibbenefika minn *discounts;*

- skont dokument[6] eżibit minn Dr David Pollina, CEO u *Managing Director* tas-soċjetà konvenuta stess, il-maġġor parti tal-biljetti li kienet tixri is-soċjeta' attriċi kienu għal aċċess f'siti ta' Heritage Malta għalkemm kienet xtrat ukoll xi biljetti għal siti u attivitajiet oħra;

[6] **Dok DP**, fol. 153.

- mill-atti jirriżulta li permezz ta' avviż maħruġ fis-17 ta' Ġunju 2011[7] minn Heritage Malta, kien qed jiġi tterminat il-ftehim li hija kellha mal-konvenuta appellanti;[8]

- permezz ta' avviż datat 18 ta' Novembru 2011,[9] l-appellanti infurmat lill-agenti tagħha, fosthom l-attrċi appellata, li minkejja l-avviż maħruġ minn Heritage Malta li kienet ser twaqqaf is-servizzi ta' bejgħ ta' biljetti tramite s-sistema pprovduta minnha b' effett mill-21 ta' Diċembru 2011, il-ftehim li hija kellha ma' Heritage Malta kien ġie mġedded sa Diċembru 2015 u l-biljetti ta' aċċess għal siti ta' Heritage Malta akkwistati tramite s-sistema tagħha kellhom jibqgħu jiġu onorati rrispettivament mid-data ta' dħul skedata għalkemm f' email oħra datata 7 ta' Diċembru 2011[10] ddikjaraw li l-biljetti maħruġa kellhom data ta' skadenza ta' teltin (30) jum min meta jinħarġu għalkemm ma setgħux jikkommettu ruħhom li din kienet ukoll il-posizzjoni ta' Heritage Malta li fil-fatt kienet heddithom b' terminazzjoni b' effett immedjat mill-21 ta' Diċembru 2011. Permezz ta' din l-email l-appellanti infurmat ukoll lill-appellata li t-*top up* ta' fondi ma setax jinġibed iżda seta biss jintuża għax-xiri ta' biljetti varji mis-sistema amministrata minnha;

- fil-frattemp, fl-1 ta' Diċembru 2011, Heritage Malta ppreżentat talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fil-konfront tal-konvenuta sabiex tieqaf tbiegħ u toffri għall-bejgħ kull tip ta' biljett u/jew dokument li jagħti aċċess lill-utent għal xi sit minn tagħha[11] liema talba ġiet irtirata fl-udjenza tal-20 ta' Diċembru 2011 stante li ddikjaraw li l-mertu jinsab eżawrit;[12]

- permezz ta' email datata 19 ta' Diċembru 2011,[13] il-konvenuta infurmat lis-soċjeta appellata li sakemm l-affarijiet ma jinbidlux, Heritage Malta kienet se tittermina s-servizzi tramite s-sistema tagħha b' effett mill-21 ta' Diċembru 2011 u lli din ta' l-aħħar kienet infurmathom bil-miktub li l-biljetti maħruġa tramite s-sistema tal-konvenuta ma kienux se jibqgħu jiġu onorati b' effett immedjat mill-21 ta' Dieċmbru 2011 minkejja li s-soltu tali biljetti kellhom perjodu ta' validità ta' tletin (30) jum. Il-konvenuta kienet għalhekk irrakkomandat lil dawk l-agenti

[7] Fol. 77.
[8] **Dok HM** fol. 115 et seq.
[9] Fol. 224.
[10] Fol 225.
[11] Fol. 64 *et seq*.
[12] Fol. 110.
[13] Fol 156 – 157, 227 – 228.

tagħha li jużaw s-sistema tagħha prinċipalment għall-akkwist ta' biljetti għas-siti ta' Heritage Malta sabiex: (i) sa l-għada, l-20 ta' Diċembru 2011, joħorġu kemm hemm bżonn biljetti ta' Heritage Malta sabiex jużaw it-*top-up* tagħhom; (ii) jekk Heritage Malta ma titterminax s-servizzi tramite s-sistema tagħha, tali biljetti setgħu jiġu invalidati bil-konsegwenza li l-valur tal-istess kien jerġgħa jiġi akkreditat fil-kont rispettiv tal-aġent; iżda (iii) f' każ li Heritage Malta tittermina s-servizz, biljetti maħruġa ma setgħux jiġu invalidati iżda kellhom jiġu ppreżentati lil Heritage Malta u jeżiġu li għandhom jiġu skambjati għal kreditu fl-iskema l-ġdida li huma kienu se joperaw. Itterminaw din email billi stqarrew li '***this is not without risk***, *as we cannot guarantee that Heritage Malta will honour the tickets as they are legally obligated to do, but it appears to be the most prudent course of action to take in the circumstances. Of course, you are advised to consider yourself if this is best for you.'*

- is-soċjetà appellata m'użatx il-kreditu kollu li hija kellha ġol-*payment account* miżmum minn Miqna Clienet Trust u għażlet minflok lill-konvenuta sabiex tirrifondi l-bilanċ ta' flus depożitat għandha.[14] Il-konvenuta rrifjutat u għalhekk saret din il-kawża.

8. Illi permezz tal-ewwel aggravju l-appellanti tilmenta dwar id-deċiżjoni *in parte* mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datata 26 ta' Marzu 2014. L-appellanti ssostni li l-ftehim bejn il-partijiet ma fih l-ebda provvediment ċar dwar x' jiġri f'sitwazzjoni bħal dik tal-każ odjern, il-vertenza odjerna hija kwistjoni ta' interpretazzjoni tal-istess ftehim u għalhekk l-kwistjoni kellha tiġi riferuta għall-Arbitraġġ kif irid ir-raba' punt tal-klawsola 8;

9. Din il-Qorti tinsab pjuttost perplessa li s-soċjetà appellanti tibqa tinsisti fuq din l-eċċezzjoni speċjalment in vista tal-fatt li Dr. David Pollina xehed bil-ġurament tiegħu illi l-posizzjoni tal-konvenuta, li biha ġiet infurmata l-attriċi meta nfetħu dawn il-proċeduri, hija li l-vertenza in kwistjoni hija dwar ksur tal-kuntratt bejn il-partijiet u għalhekk taqa' fil-ġurisdizzjoni tal-Qrati ta' Malta. Testwalment qal:

> '*Should there ever be a dispute between the parties in contestation, the agreement provides for two different types of disputes, one involving breach of the agreement, whereas the others include the interpretation of the agreement. Clause number eight entitled 'General Provisions', bullet number four provides that interpretation disputes in connection to this agreement must be submitted to the Malta Arbitration Centre. Whereas according to bullet number five, if any legal action is needed to enforce this agreement or*

[14] Fol. Fol 58 u **Dok DP4** a fol. 229.

> *in cases of breach of this same agreement, it is the Courts of Malta which has the jurisdiction.* ***In this case, the point of contestation is regards breach of contract. The plaintiff wishes to have cash withdrawn from thier top ups and there is nothing in the agreement which provides for such eventuality. And that is why I said that it is the jurisdiction of the Courts which should be involved. And we had informed them of this when they filed the case.'*** [15]

10. Effettivament, kif spjega x-xhud, il-klawsola rilevanti tal-ftehim tipprovdi kif ġej:

> '***8. General Provisions***
> - *This Agreement is covered by the laws of the Republic of Malta*
> - *...*
> - *...*
> - *The parties consent to submit any and all disputes as the interpretation of this Agreement to the Malta Arbitration Centre to be resolved according to thier regulations.*
> - ***If legal action is needed to enforce this Agreement, or in cases of breach hereof, it may only be brought in the courts of Malta, the prevailing party will be entitled to recover costs.***
> - *...'*

11. Isegwi għalhekk li l-ftehim jipprevedi żewġ sitwazzjonijiet: (i) '*disputes as to interpretation of this Agreement*' f'liema każ il-partijiet qablu li għandhom jirrikorru quddiem iċ-Ċentru tal-Arbitraġġ u (ii) '*legal action needed to enforce this Agreeement, or in cases of breach hereof*' f' liema każ il-partjiet qablu li għandhom jirrikorru quddiem il-Qrati ta' Malta.

12. **L-attriċi pproponiet il-kawża sabiex titħallas lura s-somma ta' €6,418.47, flus li tat lill-konvenuta bħala prezz ta' biljetti relatati għad-dħul f'postijiet bħall-mużewijiet, u li skont l-attriċi baqgħu qatt ma ngħataw mill-konvenuta.**

13. Hu evidenti li l-attriċi qegħda ssostni li l-konvenuta ma wettqitx l-obbligu kuntrattwali. Għahekk skont il-ftehim, il-ġurisdizzjoni hi tal-Qrati. Għalhekk l-aggravju dwar is-sentenza preliminari hu miċħud.

14. It-tieni aggravju jitratta l-meritu. L-appellanti ssostni li l-ftehim bejn il-kontendenti ma ntemmx peress li ma kien hemm l-ebda ksur tal-kuntratt. Tgħid illi l-kuntratt bejn il-partijiet, li bl-ebda mod ma kien limitat għall-biljetti ta' Heritage Malta, baqa' jiġġeded awtomatikament kull sena u għadu viġenti

---

[15] Xhieda Dr David Pollina 26 ta' Frar 2014, fol. 15.

sal-lum b' dan illi l-flus in kwistjoni jistgħu jintużaw għax-xiri ta' biljetti oħra. Lanqas ma kien hemm ksur tal-prinċipju ta' *uberrimae fidei* kif indikat mill-Ewwel Qorti fl-aħħar parti ta' din id-deċiżjoni.

15. L-appellata wieġbet li l-ftehim seta' jiġi terminat minn kwalsiasi wieħed mill-kontendenti f' żewġ modi skont l-ewwel artikolu hemm pattwit:

    (i) li wieħed mill-kontraenti jimpedixxi t-tiġdid awtomatiku tal-ftehim billi jagħti avviż bil-miktub sa mhux aktar tard minn sittin jum qabel l-għeluq tat-terminu kurrenti, jew

    (ii) billi jseħħ ksur moruż tal-ftehim minn wieħed mill-kontraenti li ma jiġix purgat fi żmien tletin jum mill-interpellanza relattiva. Tgħid illi filwaqt li hija ma taqbilx mad-deċiżjoni appellata in kwantu ddeċidiet li ma kien hemm ebda ksur tal-ftehim, xorta jibqa' l-fatt li l-ftehim ma baqax jiġi mġedded. Dan bis-saħħa ta' diversi rikjami bil-miktub li saru mill-attriċi lill-konvenuta għall-ħlas lura ta' flusha eżebiti a fol. 58 u 229.

16. L-ittra legali datata 21 ta' Ġunju 2013 a fol. 58, mibgħuta mid-difensur tal-attriċi, taqra hekk:

> '*Bil-presenti l-Kumpannija Special Interest Travel Limited ta' Demajo House, 103 Archbishop Street, Valletta tinterpellak sabiex fi żmien ġimgħa tħallasha s-somma ta' €6,418.47 rappreżentanti ħlas bil-quddiem lilek in linja ta' prezz ta' biljetti in konnessjoni ma visti f'mużewijiet għat-turisti u liema biljetti inti ma kkonsenjajthomx lill-kumpannija mittenti.*
>
> *Fin-nuqqas il-kumpannija mittenti tipproċedi kontra tiegħek skont il-liġi, inkluż bi proċeduri kriminali għal misappropjazzjoni...'*

17. Interpellazzjoni oħra hi email datata 15 ta' Marzu 2013 li tinsab eżebita a fol. 229:

> '*As per below statement dated 05.03.13, Miqna Ltd owes Special Interest Travel a balance of €6,418.47.*
>
> *We would like to get refunded for this amount by next week since it has been long outstanding. Can you kindly advise us when we can send someone to pick up the cheque please?'*

18. Filwaqt li din il-korrispondenza ma tgħidx testwalment li l-attriċi ma tridx it-tiġdid tal-ftehim, din il-Qorti hija tal-fehma li tali skambju bejn il-partijiet irid jiġi interpretat fil-kuntest tad-diskussjonijiet bejnitehom.

19. Dr David Pollina xehed li:

*'I will not dispute the fact that the plaintiffs used their account primarily for the purchase of tickets for Heritage Malta. However this was never the scope of the agreement and there was never any restrictions to this regard in the agreement.'*[16]

20. Mill-atti jirriżulta li Heritage Malta kienet ilha li nnotifikat lill-konvenuta appellanti li b' avviż ta' terminazzjoni tal-kuntratt bejniethom mis-17 ta' Ġunju 2011.[17] Dr David Pollina in rappreżentanza tal-appellanti xehed illi:

*'the situation with Heritage Malta is such that it has been ongoing for a number of months. We were subject to a confidentiality agreement with regards to negotiations and therefore could not notify their tour operators accordingly. In the second week of November 2011, Heritage Malta took it upon themselves to set out a notice of their own.'*[18]

21. In segwitu, permezz ta' avviż maħruġ fit-18 ta' Novembru 2011,[19] l-appellanti infurmat lill-agenti tagħha, fosthom l-attrċi, li minkejja l-avviż maħruġ minn Heritage Malta li kienet ser twaqqaf is-servizzi ta' bejgħ ta' biljetti b'effett mill-21 ta' Diċembru 2011, <u>il-ftehim li hija kellha ma' Heritage Malta kien ġie mġedded sa Diċembru 2015</u> u l-biljetti ta' aċċess għal siti ta' Heritage Malta akkwistati tramite s-sistema tagħha kellhom jibqgħu jiġu onorati rrispettivament mid-data ta' dħul skedata.

22. Madanakollu, permezz ta' email oħra datata 7 ta' Diċembru 2011[20] l-konvenuta nfurmat lill-attriċi li għalkemm il-biljetti li nħarġu kellhom data ta' skadenza ta' teltin (30) jum mid-data tal-ħruġ, ma setgħux jikkommettu ruħhom li din kienet ukoll il-posizzjoni ta' Heritage Malta li fil-fatt kienet heddithom b' terminazzjoni b' effett immedjat mill-21 ta' Diċembru 2011. Permezz ta' din l-email l-appellanti infurmat ukoll lill-appellata li t-*top up* ma setax jinġibed iżda jintuża għax-xiri ta' biljetti varji mis-sistema amministrata minnha. Issuġeritilhom ukoll sabiex ifittxu konferma bil-miktub da parti ta' Heritage Malta ta' kif tista' tiġi riżolta s-sitwazzjoni.

23. Kien imbagħad permezz ta' email datata 19 ta' Diċembru 2011[21] li l-konvenuta infurmat lis-soċjeta appellata li sakemm l-affarijiet ma jinbidlux, Heritage Malta kienet se tittermina s-servizzi tramite s-sistema tagħha b'effett mill-21 ta' Diċembru 2011 u li din tal-aħħar kienet infurmathom bil-miktub li l-biljetti maħruġa tramite s-sistema tal-konvenuta <u>**ma kinux se jibqgħu jiġu onorati b'effett immedjat mill-21 ta' Dieċmbru 2011**</u> minkejja li s-soltu

---

[16] Fol. 150.
[17] **Dok C** a Fol. 77.
[18] Fol. 218.
[19] Fol. 224.
[20] Fol 225.
[21] Fol 156 – 157, 227 – 228.

tali biljetti kellhom perjodu ta' validità ta' tletin (30) jum, ħaġa li hija kienet qed tikkontesta. Il-konvenuta kienet għalhekk irrakkomandat għall-ewwel darba lil dawk l-agenti tagħha li jużaw s-sistema tagħha prinċipalment għall-akkwist ta' biljetti għas-siti ta' Heritage Malta sabiex:

(i) **sal-għada**, l-20 ta' Diċembru 2011, joħorġu kemm hemm bżonn biljetti ta' Heritage Malta sabiex jużaw it-*top-up* tagħhom;

(ii) jekk Heritage Malta ma titterminax s-servizzi tramite s-sistema tagħha, tali biljetti setgħu jiġu invalidati bil-konsegwenza li l-valur tal-istess kien jerġgħa jiġi akkreditat fil-kont rispettiv tal-aġent; iżda (iii) f' każ li Heritage Malta tittermina s-servizz, biljetti maħruġa ma setgħux jiġu invalidati iżda kellhom jiġu ppreżentati lil Heritage Malta u jeżiġu li għandhom jiġu skambjati għal kreditu fl-iskema l-ġdida li huma kienu se joperaw. Itterminaw din email billi stqarrew li '***this is not without risk***, *as we cannot guarantee that Heritage Malta will honour the tickets as they are legally obligated to do, but it appears to be the most prudent course of action to take in the circumstances. Of course, you are advised to consider yourself if this is best for you.'*

24. S' hawnhekk din il-Qorti hija tal-fehma li s-'suġġeriment' mogħti mill-konvenuta appellanti lill-aġenti tagħha permezz tal-email surriferita tad-19 ta' Diċembru 2011 mhux talli **ma jatix terminu ta' preavviż raġjonevolment adegwat jew xieraq** lill-dawk l-agenti tagħha li kienu jużaw is-sistema tagħha prinċipalment għall-akkwist ta' biljetti ta' Heritage Malta biex jużaw il-kreditu tagħhom, talli **jeskludi kategrikament** kull garanzija li tali kreditu hekk użat kien se jiġi aċċettat minn Heritage Malta. Fil-fehma tal-Qorti, tali '*rakkomandazzoni'*, li permezz tagħha l-appellanti ttentat taħsel idejha mir-responsabbilitajiet li hija bħala intermedjarja kellha lejn l-agenti tagħha, ma kienet bl-ebda mod vijabbli. Lanqas ma hija ġustifikata targumenta li l-attriċi għandha l-fakultà tuża l-kreditu tagħha għall-akkwist ta' biljetti oħra meta, minkejja li l-ftehim bil-miktub ma kienx ristrett għal dan l-iskop, hija kienet konsapevoli li l-ftehim mal-attriċi appellata fost aġenti oħra kien prinċipalment għall-akkwist tal-biljetti ta' Heritage Malta.

25. Madanakollu, Anthony Rossi, xehed in rappreżentanza tal-attriċi, ammetta li:

> *'**l-aħħar top up li aħna konna għamilna mas-soċjetà konvenuta kien f' Novembru 2011** u dan tramite 24 x 7. Ċertament l-aħħar ġimgħa ta' Novembru 2011. Ngħid illi effettivament **konna konxji li kien ħa***

***jingħalaq il-ftehim bejn Malta Heritage u Maltaticket.com pero naf li kellna xi gruppi ġejjin u ridna nużawhom b'din is-sistema"*** [22]

26. L-aħħar depożitu jidher li kien sar fil-25 ta' Novembru, 2011 fl-ammont ta' €5,000 (ara per eżempju fol. 211 u kopja ta' emails (Dok. Z) a fol. 194 li kienu ppreżentati minn Anthony Rossi meta reġa xehed fis-seduta tas-7 ta' Ottubru, 2015[23], kif ukoll skambju ta' emails bejn impjegati tal-kontendenti, Dok. Z2 a fol. 198).

27. Meqjus dak li xehed Rossi u dak li Dr Pollina kiteb f'avviż datat 18 ta' Novembru, 2011[24], mhemmx dubju li meta sar l-aħħar depożitu l-attriċi kienet taf li hemm kwistjoni bejn il-konvenuta u Heritage Malta. Pero' fl-imsemmi avviż Dr Pollina kiteb:

> *"We categorically dispute Heritage Malta's stated position as unfounded in fact and law. Our position is that their agreement with us has already been renewed until 21 December 2015. The reasons for Heritage Malta claiming to the contrary we will not speculate on. Rest assured that we are working to resolve the situation on multiple levels, for the benefit of all concerned.*
>
> *As the exclusively appointed source of tickets and ticketing for Heritage Malta, we also need to reassure you that any tickets you purchase through the TixPoint system for Heritage Malta properties – regardless of the scheduled entrance date – are legally to be honoured for admission – their agreement specifically requires this.*
>
> *We expect Heritage Malta to honour all their contractual commitments – both with you and with ourselves – and will keep you informed of developments".*

28. Mela jidher li dak li xehed Rossi ma kienx preċiz, għaliex bl-avviż datat 18 ta' Novembru, 2011 Dr Pollina kien qiegħed jagħti s-serħan il-moħħ lil dawk il-kumpanniji li bħall-attriċi kienu jagħmlu użu mit-TixPoint system biex jixtru biljetti għal siti ta' Heritage Malta. Kien biss bl-email tas-7 ta' Diċembru, 2011 li ntbagħtet minn Dr Pollina li l-affarijiet ħadu xejra differenti, tant li għarrafhom li Heritage Malta kienet ukoll ippreżentat mandat ta' inibizzjoni biex il-konvenuta ma tbiegħx biljetti tagħha. F'dik l-email wasal biex igħid li, *"So if the court views our relationship with Heritage Malta as merely that of a service provider, Heritage Malta can stop servie at any time they like. We will obviously be enforcing dmages if they do".* Email li ma taqbel xejn ma' dak li kiteb fl-avviż tat-18 ta' Novembru 2011, ċjoe' li Heritage Malta għandha dmir li tonora l-kuntratt u li biljetti li jinxtraw ser jiġu onorati.

---

[22] Fol. 161.
[23] Fol. 192.
[24] *"The other day, a representative of Heritage Malta emailed you a letter claiming that as of 21 December 2011, MaltaTicket.com will no longer be the ticketing supplier for Heritage Malta. We need and wish to clarify the situation for you"* (fol. 224).

29. Irriżulta wkoll kif l-attriċi kienet prinċipalment tixtri biljetti għal siti ta' Heritage Malta. Dan sa mill-bidunett tal-kuntratt iffirmat bejn il-kontendenti fil-5 ta' Frar, 2008. Dan hu naturali meta tqies il-kwantita ta' siti storiċi li tamministra Heritage Malta u l-importanza tagħhom. Hu evidenti wkoll li in vista tal-kwistjoni li nqalgħet bejn il-konvenuta u Heritage Malta, ġie żmien fejn ma kienx iktar possibbli li jinxtraw biljetti għal dawk is-siti mis-sistema tal-konvenuta. Fil-fatt il-ftehim li kien hemm bejn Heritage Malta u MaltaTicket.com Limited ma baqax fis-seħħ.

30. Meta l-attrici talbet li titħallas lura s-somma ta' €6,418.47[25], Dr Pollina wieġeb:

> '*the funds are paid as a top-up for the purchase of tickets in the system, and such is never refundable or in other was withdrawable other than through the purchase of tickets. We do not operate a bank account, but a top-up against purchases.*'[26]

Xehed ukoll:

> "*I will not dispute the fact that the plaintiffs used their account primarily for the purchase of tickets for Heritage Malta. However, this was never the scope of the agreement and there was never any restrictions to this regard in the agreement*".

31. Hu minnu li l-kuntratt ma jsemmix espressament li *"Admission Tickets"* jinkludu biljetti għal dħul ta' siti ta' Heritage Malta. Pero' sa minn qabel ġie ffirmat il-kuntratt kien fatt magħruf mill-konvenuta li s-siti ta' Heritage Malta kien dak li prinċipalment jinteressa lill-attriċi. Fil-fatt f'email datata 17 ta' Jannar, 2008[27] li ntbagħtet għan-nom ta' Dr Pollina lil Anthony Rossi, jingħad:

> "*Attached kindly find the service agreement form which needs to be filled in and signed. Once this is done, kindly ring our office on 27.842.538 to schedule an appointment for installation and training (apx. 1 hour). At that time,* ***we will also collect any unused Heritage Malta tickets and issue your company with a credit in your account***".

Li l-attriċi kienet interessata fis-sit ta' Heritage Malta jirriżulta wkoll minn dak li xehed Anthony Rossi, ċjoe' li qabel iffirma l-kuntratt tal-5 ta' Frar 2008 kienu jixtru biljetti mingħand Heritage Malta u mbagħad, *"... l-istess Heritage Malta li qaltilna li għandna nibdew nixtru l-biljetti mingħand Maltaticket.com"*. Jidher li dan wassal lill-attriċi biex tikkonkludi l-ftehim mal-konvenuta sabiex minn dik is-sistema jkunu jistgħu jinxtraw biljetti għas-siti ta' Heritage Malta. Fil-fatt dan jirriżulta wkoll mill-istatistika ta' xiri ta' biljetti li Dr Pollina ppreżenta meta xehed fis-seduta tat-23 ta' April, 2015 (Dok. DP a fol. 150).

[25] **Dok DP4** a fol. 229.
[26] **Dok DP4** a fol. 229.
[27] Fol. 32.

Hu evidenti li minħabba li r-relazzjoni bejn il-konvenuta u Heritage Malta sfaxxat, ma baqax iktar possibbli li jinxtraw biljetti ta' Heritage Malta mis-sistema tal-konvenuta. Fil-fatt f'email datata 19 ta' Diċembru, 2011 Dr Pollina għarraf lit-*tour operators* li kellhom dik is-sistema, li jekk ma jintelħaqx ftehim sal-20 ta' Diċembru 2011, *"(....) we will have no alternative but to deactivate availability of all Heritage Malta tickets on the system as from midnight, 21 December 2011"*. Hu evidenti li dak hu li ġara. Igħid x'igħid Dr Pollina, mill-provi hu ċar li l-attriċi kkonkludiet il-kuntratt ta' Frar, 2008 għaliex is-sistema tal-konvenuta kien fiha biljetti ta' Malta Heritage. Fatt li żgur li Dr Pollina kien jafu.

32. Għalhekk fil-bidu tal-kuntratt is-sistema ta' *ticketing* tal-attriċi kienet toffri xiri ta' biljetti mis-sistema tal-konvenuta għal siti ta' Heritage Malta, u mbagħad ġara li mill-21 ta' Diċembru, 2011 dan ma kienx iktar possibbli. Il-qorti ma tifhimx kif il-konvenuta baqgħet tippretendi li l-attriċi kellha tkompli topera t-*ticketing system* tal-konvenuta, meta hu evidenti li l-ftehim oriġinali seħħ proprju għaliex mis-sistema kienu jinbiegħu biljetti ta' Heritage Malta. Il-qorti żżid li dak li ppropona Dr Pollina fl-email tad-19 ta' Diċembru 2011 ma kienx rimedju għall-operaturi, iżda proposta intiża biex jipprova jevita li l-konvenuta tħallas lura d-depożiti lil dawk l-operaturi li bħall-attriċi spiċċaw lampa stampa.

33. F'kull każ, klawżola 1 tal-kuntratt tipprovdi:

> *"The Agency will have a term of 3 years (three) from the date hereof, which term will automatically renew for additional terms of 1 year (one) each at the expiration of the initial term or any renewal unless written notice of cancellation by either party is provided to the other prior to 60 days (sixty) from the expiry of this Agreement or any renewal of it"*.

34. Rajna kif fil-5 ta' Frar, 2008 il-kontendenti ffirmaw il-kuntratt għall-perjodu ta' tlett snin. Fil-5 ta' Frar, 2011 il-kuntratt ġie mġedded għall-perjodu ta' sena oħra. Jirriżulta li l-aħħar depożitu ta' flus kien sar fil-25 ta' Novembru, 2011. Irriżulta wkoll li r-relazzjoni bejn il-konvenuta u Heritage Malta spiċċat fil-21 ta' Diċembru, 2011. Mill-provi ma jirriżultax li wara dakinhar l-attriċi xtrat iktar biljetti mingħand il-konvenuta. Fil-fatt kien Dr Pollina nnifsu li xehed li wara *"We had heard nothing further from the plaintiff company until 15$^{th}$ March 2013...."*.[28] Fil-fatt mis-26 ta' Diċembru, 2011 l-attriċi bdiet takkwista l-biljetti direttament mingħand Heritage Malta (ara Dok. CSH1). Imbagħad fil-15 ta' Marzu 2013 l-attriċi talbet ghar-rifużjoni tal-flus li bihom kien għadhom ma nxtrawx biljetti[29]. Dakinhar stess il-konvenuta wiegbet, u nfurmat lill-attriċi li

---

[28] Fol. 219.
[29] Fol. 229.

d-depożitu ma setax jitħallas lura u li setgħu biss jinxtraw biljetti; *"We do not operate a bank account, but a top-up against purchases"*. Il-qorti m'għandha l-ebda dubju li l-avviż mibgħut mill-attriċi serva biex ġab fit-tmiem il-ftehim. Avviż li ngħatga fit-terminu kontemplat fi klawżola numru 1 tal-kuntratt. Il-qorti hekk biss tista' tinterpreta dik l-email li biha ntalab il-ħlas lura **<u>tal-bilanċ kollu</u>** li kien għadu depożitat għax-xiri ta' biljetti, u dan minkejja li fiha ma tissemmix il-kelma 'kanċellament'. Għalhekk ukoll l-attriċi għandha jedd għal flus li kienu ġew depożitati sabiex eventwalment jintużaw għax-xiri ta' biljetti, li pero' baqa' ma nxtrawx.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell tas-soċjetà konvenuta bl-ispejjeż kontra tagħha.**

Anthony Ellul.